# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 17

Data tal-laqgħa: 16 ta' April, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis, 16 ta' April 2020 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**17/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**17/01/01** Ma kienx hemm.

**17/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni talħ-Minuti**

**17/02/01** **Para 16/02/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għadna qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**17/02/02** **Para 16/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-ħaddiema mid-District Office biex isiru toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali.

**17/02/03** **Para 16/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**17/02/04** **Para 16/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**17/02/05** **Para 16/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inġinier qed jaħdem fuq l-applikazzjoni biex inġibu fondi mill-UIF (Urban Improvements Fund). Is-Sur Christopher Fenech qal li ħa nibdlu wkoll il-*bins* ta' Ġnien il-Paċi kif ukoll tal-Ġnien ta' Żagħruna. Kien hemm qbil unanimu.

**17/02/06** **Para 16/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u ż-żewġ arbli għal Triq iċ-Ċawl għadhom ma sarux.

**17/02/07** **Para 16/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill saret.

**17/02/08** **Para 16/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll ser jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**17/02/09** **Para 16/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-McDonald's.

**17/02/10** **Para 16/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew linji gwida mingħand il-Lands Authority sabiex noħorġu *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**17/02/11** **Para 16/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bqajna ma rċevejna l-ebda risposta mill-Planning Authority fuq jekk hux ħa tinfetaħ xi triq fi Triq Santa Katerina.

**17/02/12** **Para 16/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-MEUSAC qed jgħinuna biex napplikaw għal fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta.

**17/02/13** **Para 16/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa mal-Ministru ta' Turiżmu fuq il-proġett tal-Lanċiritka għal issa pendenti.

**17/02/14** **Para 16/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret it-talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**17/02/15** **Para 16/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill informa lir-Reġjun Tramuntana sabiex 2 CCTV Cameras jiġu installati fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**17/02/16** **Para 16/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Keep Clear* quddiem 'The Calling' fi Triq Caravaggio ħa ssir wara li titlesta triq.

**17/02/17** **Para 16/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' quddiem Apex B fi Vjal ir-Repubblika għadha ma saretx.

**17/02/18** **Para 16/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew ordnati 2 tabelli għal Triq Għaxqet l-Għajn illi iwissu minn xi ġebel li jista' jaqa' minn ħajt tas-sejjieħ.

**17/02/19** **Para 16/05/18:** Fuq it-talba għal żewġ mirjiet fit-truf ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Ġie deċiż li ssir *site-visit.*

**17/02/20** **Para 16/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tistaqsi jekk nistgħux napplikaw għal fondi tal-UIF biex issir Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*.

**17/02/21** **Para 16/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' ħdejn il-Fusinu fi Triq Stiefnu Zerafa għadha ma saretx.

**17/02/22** **Para 16/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Vjal ir-Repubblika k/m Triq Vendome għadha ma saretx.

**17/02/23** **Para 16/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa jsir *open board* qrib l-Għassa tal-Pulizija.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt


**17/02/24** **Para 16/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza.

**17/02/25** **Para 16/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat mera fuq *pole* għal Triq Santa Katerina qrib Quarry 5.

**17/02/26** **Para 16/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella sabiex is-sewwieqa jipparkjaw bl-*exhaust pipe* 'il barra fi Triq Fra D. Mifsud.

**17/02/27** **Para 16/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat erba' *bins* ġodda għal Triq Għaxqet l-Għajn.

**17/02/28** **Para 16/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet persuna mill-Lands Authority biex tara l-ħsara li hemm fil-ġibjun ta' Sqaq il-Ħofra.

**17/02/29** **Para 16/05/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella AED (*Automated External Defibrillator*).

**17/02/30** **Para 16/05/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat żewġ *picnic benches* għat-tfal (Ġnien il-Paċi).

**17/02/31** **Para 16/05/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella tal-*bye-laws* għal ħdejn Għar San Brinkat u tabella tal-*bye-laws* dwar il-Ħarsien tal-Pont ta' Wied id-Dis.

**17/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**17/03/01** Is-Sindku spjegat li ħaddiema mill-kumpanija Bad Boy Cleaners qed jagħmlu xogħol volontarju fil-Għargħur.

**17/03/02** Is-Sindku qalet li l-ħaddiema tal-Kunsill ksew il-bankijiet tar-raħal bil-plastik sabiex inaqqsu mit-tixrid tal-Virus COVID-19.

**17/03/03** Is-Sindku resqet li jsiru 2 CCTV Cameras ħdejn il-Latrina Pubblika fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**17/03/04** Is-Sindku resqet li jsir *bust* tas-Soċju Guido Tanti li għal snin twal serva bħala Superjur fil-Museum tal-Għargħur. Kien hemm qbil li nġibu stimi.

**17/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**17/04/01** Ma kienx hemm.

**17/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**17/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 1 ta' April 2020).

**17/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Hector Zammit – *New statue with pedestal at Triq Mons. Luigi Catania c/w Triq 31 ta' Marzu, Għargħur.*

**17/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħi ġewwa Għargħur – użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

**17/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' April 2020).

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**17/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL – Ċir AKL 2020/035 EPOS Machines.

**17/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Ministry for Environment, Sustainable Development and Climate Change – *50% of the LC Care project Grant Support Scheme.*

**17/05/07** Fuq it-talba għal tranġar ta' bankina fi Triq Dun Karm Fenech ħdejn Ta' Katarin Fl3. Kien hemm qbil unanimu.

**17/05/08** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li nirranġaw it-tarjola tal-arblu tal-monument tal-pjazza u s-Sur Christopher Fenech ressaq li l-ħabel jiġi itwal. Kien hemm qbil unanimu.

**17/05/09** Is-Sur Carl Grech staqsa jekk Triq Caravaggio hix ser tibqa' *two-way* wara li jsiru xogħlijiet minn Infrastructure Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Triq Caravaggio saret *one-way* temporanjament imbagħad ser terġa' tiġi *two-way*.

**17/05/10** Is-Sur Abraham Aquilina staqsa jekk hux ser jinbena ħajt fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Caravaggio. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa saqsi lil Infrastructure Malta jekk hux ser jibnu ħajt, jekk le, issir *crash barrier* sabiex innaqqsu l-periklu.

**17/05/11** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li f'każ li jsejjaħ *lockdown* f'Malta, ngħidu lil Charlie Mifsud biex jieħu ħsieb it-tisqija tal-pjanti. Kien hemm qbil unanimu.

**17/05/12** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nitolbu permess lil Kappillan biex issir *camera* fil-knisja sabiex in-nies ikunu jistgħu jsegwu *live streaming* waqt il-funzjonijiet tal-Festa, Ġimgħa l-Kbira u l-bqija. Kien hemm qbil unanimu u s-Segretarju Eżekuttiv ħa tagħmel kuntatt mal-Kappillan.

**17/05/13** Is-Sur Christopher Fenech qal li hemm *pole* u bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-pulizija.

**17/05/14** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-*webcam* tal-pjazza bil-ħsara. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa terga' tagħmel kuntatt mal-Vodafone għax kien hemm problema bl-internet.

**17/05/15** Is-Sur Christopher Fenech staqsa meta ser jaslu tabelli biex in-nies isuqu bil-mod. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa terġa' tikkuntattja lil Intervisions.

**17/05/16** Is-Sur Christopher Fenech staqsa meta l-bozoz ta' Triq San Bartilmew ser isiru LED. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx l-istima mingħand il-Micamed Limited.

**17/05/17** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex iz-*zebra crossing* ta' Triq San Bartilmew timxi ftit metri 'l fuq u tiġi quddiem il-ħajt tas-sejjieħ. Kien hemm qbil unanimu u s-Segretarju Eżekuttiv ħa tikteb lil Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

**17/05/18** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li l-bozza (S04424) li qeda fi Triq Caravaggio maqtugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma l-Enemalta.

**17/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**17/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**17/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**17/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2020 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**